MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 514/2006

**Datastream Limited (C 19399)**

**vs**

**Camline Internet Services Limited (C 26258)**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat l-**atti tar-rikors** guramentat ta' Marcel Spiteri li permezz tieghu issottometta s- segwenti :

1. Jiena impjegat tas-socjeta' rikorrenti, u ghandi r-rapprezentanza guridika tal-istess.

*2.* Illi bejn is-socjeta' r-rikorrenti (li tuza il-*brand name* maltanet) u s-socjeta' intimata kienu saru tliet (3) kuntratti biex is-socjeta' rikorrenti tipprovdi servizzi varji ta' "*Electronic Communication"',* u cioe' wiehed datat 5 ta' April 2005 "*Agreement for the'Reselling of Services",* iehor ghal "*Agreement for the provision of Fibre",* u l-iehor ukoll datat 18 ta' Awissu 2005 ghal "*Agreement for the provision of IP Transit and Routing Facilities";*

*3.* Illi s-socjeta' intimata kienet inadempjenti fl-obbligi taghha skond l-istess kuntratti u kienet morusa fil-hlasijiet minnha dovuti u ghalhekk giet interpellata permezz ta' ittra ta' 3 ta' Mejju 2006 (Dok. A) biex tirregola ruhha ghal dawn in-nuqqasijiet, u peress li l-istess socjeta' intimata baqghet inadempjenti, s-socjeta' rikorrenti permezz ta' ittra tal-10 ta' Mejju 2006 (Dok. B) regghet interpellat lis-socjeta' intimata biex tirregola ruhha u f'kas li tonqos li taghmel dan sa l-4 ta' Mejju 2006, kienu ser jigu sospizi s-servizzi kollha kif spjegat fl-ittra tat- 3 ta' Mejju 2006; u peress li s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti sat-termini prefissi fl-ittri kemm tat-3 ta' Mejju 2006 kif ukoll tal-10 ta' Mejju 2006, is-socjeta' rikorrenti nformatha permezz ta' ittra tal-31 ta' Mejju 2006 (Dok. C) li l-imsemmija kuntratti gew terminati b'effett mill-31 ta' Mejju 2006;

4. Illi s-socjeta' intimata ghandha taghti lis-socjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' erbgha u hamsin elf, erbatax il-lira u sitta u tmenin centezmu (Lm54,014.86,0) dovuti ghas-servizzi minnha provduti lis-socjeta' intimata kif qabel imsemmi, u cioe:

*5.* In kwantu ghas-somma ta' Lm49,943.86,0 fuq is-servizzi ta' *"Reselling of Services"* skond *Invoice* hawn anness Dok. D;

*6.* In kwantu ghas-somma ta' Lm2,832.00,0 fuq is-servizzi ta' *"IP Transit and Routing Facilities"* skond l-*Invoice* hawn anness Dok. E;

*7.* U In kwantu ghas-somma ta' Lm1,239.00,0 fuq is-servizzi ta' "*The Provision of Fibre"* skond l-*Invoice* hawn anness Dok. F:

*8.* Illi ghalkemm mitluba biex thallas diversi drabi kif qabel spjegat, is-socjeta' intimata, baqghet inadempjenti;
*9.* Illi ghalhekk il-kreditu tas-socjeta' rikorrenti fis-somma globali ta' Lm54,014.86c0 hu cert, likwidu u esegwibbli u sa fejn taf is-socjeta' rikorrenti, s-socjeta' intimata ma ghandha l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Marcel Spiteri, ir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti, hawn anness Dok. "MS 1";
Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid is-socjeta' intimata, ghaliex ghar-ragunijiet premessi, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:
(1) taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici Civili ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u
(2) hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' Lm54,014.86,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal aktar il-fuq.
Bl-imghax mid-data tat-terminazzjoni tas-servizzi cioe' mill-31 ta' Mejju 2006 u bl-ispejjez kollha, nkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 797/06 CX u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 799/06, kontra s-socjeta' intimata, li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.
Rat **ir-Risposta guramentata tas-socjeta' intimata** a fol. 25 tal-process fejn issottomettiet :
1. Preliminarjament, is-socjeta' konvenuta m'ghandha ebda relazzjoni guridika ma' dik is-socjeta' Datastream Limited li n-numru taghha huwa C19399 u fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni istitwita da parti tas-socjeta' attrici hija *se mai* intempestiva;
2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandha tingieb prova tal-kuntratti li dwarhom qed tibbaza l-pretensjonijiet taghha s-socjeta' attrici u partikolarment dwar id-dati meta allegatament gew iffirmati tali kuntratti;
Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mhuwiex dovut u t-talbiet attrici ghandhom

jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ konvenuta stante:

3. Illi l-ftehim li gew konkluzi bejn il-partijiet jinkludu dispozizzjonijiet li huma intizi biex ixekklu l-kompetizzjoni gusta u s-socjeta’ konvenuta bi hsiebha tipprezenta ilment fl-Ufficcju dwar il-Kompetizzjoni Gusta sabiex issir id-debita investigazzjoni dwar dan a tenur tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap 379 tal-Ligijiet ta’ Malta), u f’kaz illi s-socjeta’ konvenuta tinghata ragun, dan ghandu jwassal sabiex l-istess ftehim jitqiesu bhala nulli *ipso-jure* skond l-istess Att, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dwar liema agir is-socjeta’ konvenuta qed tirrizerva minn issa l-pozizzjoni taghha;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici abbuzat mill-pozizzjoni dominanti taghha f’Malta fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettronici u partikolarment fis-settur tal-provizjon tas-servizzi ta’ l-internet u servizzi ohra relatati kif ukoll iddiskriminat bejn il-varji *internet service providers* licenzjati f’Malta, liema agir irreka danni konsiderevoli lis-socjeta’ konvenuta, dwar liema agir sejjer jigi pprezentat ilment fl-Ufficcju dwar il-Kompetizzjoni Gusta sabiex issir id-debita investigazzjoni skond il-ligi a tenur tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap 379 tal-Ligijiet ta’ Malta), kiif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dwar liema agir is-socjeta’ konvenuta qed tirrizerva minn issa l-pozzizzjoni taghha;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-servizz li kien qieghed jigi pprovdut lis-socjeta’ konvenuta ma kienx dak pattwit u ta’ kwalita’ tajba, anzi kkawza danni lis-socjeta’ konvenuta, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-*invoices* li kienu jintbaghtu ta’ kull xahar lis-socjeta’ konvenuta regolarment kien fihom diskrepanzi u zbalji, generalment favur Datastream Limited, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rikors**

Rat ir-rikors a fol. 29 li bih l-intimati in forza tat-tielet u raba' eccezzjoni taghhom u b'riferenza partikolarment ghall artikoli 9 u 27 tal-Kap 379, talbu li dina l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-procedimenti u tirreferi l-imsemmija kwisjtonijiet dwar il-ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 379 lill Kummissjoni ghall-Kummerc gust sabiex din tinvestiga u tiddeciedi skond il-ligi.

**Kontestazzjoni**

L-intimati qed jibbazaw it-talba taghhom fuq id-disposizzjoni ta' l-artikolu 27 tal-Kap 379 a bazi ta' l-artikolu 5 "*prohibited agreements and practices*" u artikolu 9 "*Abuse of dominant position*". Huma jsostnu li l-kuntratti in kwistjoni fihom certi kondizzjonijiet li jxekklu l-kompetizzjoni billi s-socjeta' rikorrenti tbiegh is-servizzi lis-socjeta' intimata u fl-istess hin hi stess hi *Internet Service provider* bhal l'intimati u ghalhekk kompetitrici diretta taghhom.

Ir-rikorrenti isostnu li hemm zewg *agreements*, wiehed ghal *reselling of services* u l-iehor ghal *provision of IP transit and routing facilities*. Fejn huma qed jipprovvdu servizz bil-*fibre* ma hemm ebda *agreement* jew *anti-competitive clauses*. Skond l-istess *agreements* hemm is-*severability clauses* 14:13 u 15:13 li f'kaz li jkun hemm *illegal provision* fl-*agreement* din ma ggibx in-nullita ta' dak l-*agreement* kollu imma dika l-*provision* biss tiqies bhala li ma tezistiex, hlief fil-kaz fejn *"the prohibited clause cannot be severed from the remaining terms of the agreement*". Skond ir-rikorrenti l-intimati mhux qed jichdu li huma hadu s-servizz ta' ADSL, tal-*fibre* u tal-*bandwith*. Fl-ahharnett jissottomettu li hu biss l-artikolu 5 (2) tal-Kap 379 li jipprovvdi ghan nullita' *ipso iure* tal ftehim u mhux l-artikolu 9.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-intimati qed jissottomettu li fil-ftehim bejn il-partijiet hemm klawzoli li huma anti-kompetitivi u li r-rikorrenti qed jabbuzaw mill-posizzjoni taghhom dominati.

L-intimati isostnu li s-socjeta' rikorrenti tbiegh is-servizzi lis-socjeta' intimata u fl-istess hin hi stess hi *Internet Service provider* bhal l'intimati u ghalhekk kompetitrici diretta taghhom u minhabba f'hekk dina l-imgieba tar-rikorrenti wasslet ghas-sitwazzzjoni prezenti bejn il-partijiet.

L-intimati wkoll jirritjenu li minhabba l'abbuz ta' posizzjoni dominanti r-rikorrenti jistghu jimponu prezzijiet eccessivi u jxekklu l-kompetizzjoni.

Skond l-artikolu 27 tal-Kap 379 fejn ikun hemm allegazzjoni – bhal ma hemm f'dan il-kaz – ta' akkordju li jista' ma jkunx esegwibbli skond l-artikolu 5, jew jigi allegat li jkun hemm abbuz minn posizzjonji dominanti skond l-artikolu 9 tal-Kap 379, il-Qorti ta' gurisdizzjoni civili ghandha, kemm il-darba l-allegazzjoni ma tigix ammessa mill-partijiet kollha fil-kaz, tordna s-sospensjoni tal-proceduri u tirreferi l-kwistjoni lill Kummissjoni ghal Kummerc Gust ghad-decizjoni.

Fil-kaz in ezami il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tirreferi dan il-kaz billi minn dak li nghad jidher li hemm ragunjijiet bizzejjed *prima facie* biex dina l-kwistjoni tigi rizolta mill-Kummissjoni ghal Kummerc Gust. L-intimati qed jallegaw li fil-ftehim hemm klawzoli li jistghu ma jkunux esegwibbili u li jista' jkun hemm abbuz ta' posizzjoni dominanti. Dawn huma kwistjonijiet li skond l-Kap 379 ghandhom jigu decizi mhux minn dina l-Qorti ta' gurisdizzjoni civili imma mill-Kummissjoni ghal Kummerc.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
tordna s-sospensjoni ta' dawn il-proceduri
u tirreferi l-imsemmija kwisjtonijiet dwar il-ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 379 lill Kummissjoni ghall-Kummerc Gust sabiex din tinvestiga u tiddeciedi skond il-ligi.

Il-kawza tibqa differita sine die riappuntabbili wara li tinghata d-decizjoni mill-Kummissjoni.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------